## 30 ta' Ottubru, 1995

## Imħallef:-

## Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.

Jason Agius

*versus*

Direttur ta' l-Edukazzjoni

## Inċident tat-Traffiku - *Skid*

*Ġie ritenut mill-Qrati tagħna li f'materja ta'* skid *il-prinċipju regolatur ma jistax ħlief ikun li* skid *waħdu la hu prova ta' negliġenza u lanqas skriminanti. Hemm bżonn li jiġi indagat jekk kienx hemm xi negliġenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negliġenza simili tirriżulta allura hemm ir-responsabilita' nonostante l-*iskid. *Jekk ma tirriżultax allura l-*iskid *hija difiża għax tkun* inevitable accident.

*Għaldaqstant biex id-difiża ta'* skid *tirnexxi jeħtieġ li d-*driver *jipprova*

*mhux biss li l-*iskid *kienet dovuta għall-art tiżloq imma wkoll li l-*iskid *saret bl-ebda tort tiegħu u li huwa jkun ħa l-prekawzjonijiet kollha li għandu jieħu* driver *prudenti meta l-art tkun tiżloq.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur ippremetta illi waqt li hu kien għaddej fit-13 ta' Settembru, 1992 fi Triq Aldo Moro, il-Marsa bil-vettura tiegħu E-6500 tal-marka Land Rover skiddja fuq żejt li ħareġ mill-vettura proprjeta` tal-konvenut bin-numru M-1521;

Premess illi minn dan l-inċident l-attur sofra diversi danni fl-imsemmija vettura u għalkemm bl-ittra uffiċjali ddatata d-29 ta' Diċembru, 1992 huwa interpella lill-konvenut biex jersaq għall-ħlas tas-somma ta' tmien mija u tlieta u erbgħin lira u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm843.35) dan, b'ittra uffiċjali ddatata t-8 ta' Frar, 1993, wieġeb li l-allegazzjonijiet huma infondati u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident tat-traffiku li ġara fit-13 ta' Settembru, 1992;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' Lm843.35c;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-29 ta' Diċembru, 1992 u bl-ispejjeż ta' l-imsemmija ittra;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 19;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-partijiet ma għamlux in-noti;

Semgħet lill-avukati difensuri jittrattaw;

<u>L-attur</u> xehed li kien qed isuq il-Land Rover fi Triq Aldo Moro, il-Marsa lejn il-Belt. Hin minnhom tilef il-kontroll minħabba *diesel fuel* li kien imxerred ma' l-art tul it-triq kollha, li wara skopra li kien waqa' minn xarabank tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni nru. M-1521. Il-Land Rover inqalbet fuq ix-xellug, baqgħet titkaxkar fuq id-*diesel* xi 50 metru u ħabtet mas-*centre strip* fejn ġarrbet ħsarat kbar u hu u ħuh spiċċaw korruti;

*Omissis*;

<u>Mario Fenech</u> id-*driver* tax-xarabank tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni xehed li kien għaddej minn Triq Aldo Moro, sema' ħoss kbir u ntfiet il-makna. Tefa' fil-ġenb taħt l-ewwel fanal li sab fi Triq Diċembru 13, niżel jara x'ġara u sab iż-żejt taħtu. Kien qed joħroġ iż-żejt. Qabad xi ħamrija u tefagħha fuq iż-żejt. Mar jagħmel rapport l-għassa skond l-istruzzjonijiet li kellu;

<u>Frans Camilleri</u> *instructor* mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni xehed li kien eżamina l-makna wara l-inċident u kien sab li ħareġ żejt mill-makna u mhux *diesel*;

Ġie ritenut mill-Qrati tagħna li f'materja ta' *skid* il-prinċipju regolatur ma jistax ħlief ikun li *skid* waħdu la hu prova ta' negliġenza

u lanqas skriminanti. Hemm bżonn li jiġi indagat jekk kienx hemm xi negliġenza anteċedenti jew konkomitanti. Jekk negliġenza simili tirriżulta, allura hemm ir-responsabilita' nonostante l-i*skid*. Jekk ma tirriżultax, allur l-i*skid* hija difiża, għax tkun *inevitable accident*. Għaldaqstant biex id-difiża ta' *skid* tirnexxi jeħtieġ li d-*driver* jipprova mhux biss li l-i*skid* kienet dovuta għall-art tiżloq, imma wkoll li l-i*skid* saret bl-ebda tort tiegħu u li huwa jkun ħa l-prekawzjonijiet kollha li għandu jieħu *driver* prudenti meta l-art tkun tiżloq (**Pul** *vs* **Cachia** Vol. 37 p.4 p.920);

Ġie wkoll ritenut *in subjecta materia* li meta tissuċċedi kolliżjoni minħabba li waħda mill-vetturi tkun skidjat, id-*driver* tal-karozza jkun responsabbli jekk ma jagħrafx jagħmel il-manuvra meħtieġa biex jevita u jnaqqas l-iskiddjar meta kellu żmien li jagħmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jagħmel xi manuvra li taggrava l-i*skid* (Vol. 37 p. 4 p. 873);

Mill-provi prodotti ma jirriżulta li kien hemm xejn ħażin fis-sewqan ta' l-attur qabel l-inċident. Ma jirriżultax li dan kien għaddej b'xi *speed* eċċessiv li seta' kkawża jew ikkontribwixxa għall-inċident. Lanqas ma kien hemm xi negliġenza konkomitanti meta l-Land Rover ta' l-attur skiddja. Fil-fatt l-attur lanqas biss induna biż-żejt fl-art u għalhekk ma setax jieħu prekawzjonijiet qabel. Dak li ġralu kien aċċident inevitabbli dovut għall-fatt li kien hemm żejt fit-triq. Inoltre rriżulta li mhux biss l-attur kien skiddja imma kien hemm karozzi oħra li skiddjaw fuq iż-żejt li kien hemm fit-triq (ara xhieda ta' l-attur u ta' Zahra);

Jirriżulta mill-provi li fil-fatt iż-żejt li kien hemm fit-triq u li fuqu skiddja l-attur kien ġej mix-xarabank li kien qed isuq id-*driver* tax-xarabank tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Ix-xarabank

ġratilha l-ħsara meta kienet għaddejja fi Triq Aldo Moro u waqagħlha *ż-żejt* mill-makna. Is-surġent li investiga l-każ xehed li kien hemm żejt fit-triq li kien iwassal sax-xarabank li kien ħalla fit-triq Mario Fenech. Dan ġie wkoll ikkonfermat mill-attur u minn Zahra;

Mario Fenech ikkonferma li x-xarabank kellha l-ħsara u taħtha kien hemm roqgħa żejt li hu għattih bil-ħamrija. Is-Surġent kien ta struzzjonijiet biex jiġu l-pulizija tal-*garage* biex jgħattu *ż-żejt* li kien hemm fit-triq u anke dak li kien hemm taħt ix-xarabank. Jekk kienx *żejt* jew *diesel* hu mmaterjali billi kemm fuq id-*diesel* kif ukoll fuq *iż-żejt* tista' tiskiddja;

Illi għalhekk il-Qorti tikkonkludi li kien hemm *nexus* bejn l-*iskid* tal-Land Rover misjuqa mill-attur u ż-żejt li waqa' mix-xarabank misjuq minn Mario Fenech;

L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm843.35 skond riċevuti esebiti minnu a fol. 7 sa 13 tal-proċess, liema ammont ma ġiex ikkontestat;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitluba kontra l-konvenut.